MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH CASSAR**

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2004

Numru 99999/9999

**Il-Pulizija**
(Spettur Pierre Grech)
**vs**
**‘Ommississ’**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra ‘ommississ’ 33sena.

Talli fi Gwardamangia u bnadi ohra f’dawn il-Gzejjer fl-10 ta’ Dicembru 2004 u matul is-sitt xhur qabel din id-data:-

a) Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda ta’ l-Ordinanza dwar il-medicini Perikoluzi Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta’ persuna/I minghajr ma kellu licenzja mill-President ta’

Malta minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozzizzjonijiet tas-sitt taqsima ta' l-Ordinanza imsemmijau minghajr ma kellu licenzja jew xort ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga imsemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-regola 1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediciini Perikoluzi Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

b) Kif wkoll talli kellu fil-pussess tieghu d-droga Eroina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u 6 Taqsima ta' l-ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga imsemmija u dan bi ksur tar-regolament 8 tar-regoli t' 1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emmendati u dan bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

c) Kif ukoll talli sar ricediv ai termini ta' l-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati ta' Malta moghtija nhar il-05 ta' Settembru 2000 mill-Magistrat Dr. M. Hayman, LL.D., nhar is-27 ta' Novembru 2000 mill-Magistrat Dr. C. Peralta LL.D., u nhar it-12 ta' Frar 2002 mill-Magistrat Dr. Scerri Herrerra LL.D., liema sentenzi saru definittivi u ma jistawx jinbidlu.

Rat in-nota ta’ l-Avukat Generali.

Rat li l-akkuzat ammetta li kellu fil-pussess tieghu sustanza specifikata fl-eweel skeda ta’ l-ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi. Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta-ghall-uzu personali tieghu u hu hati ta’ dan ir-reat.

Semghet lid-difiza u lil-prosekuzzjoni.

Semghet d-dikjarazzjoni ta’ l-Ufficcjal Prosekutur ‘a tenur’ ta’ l-artikolu 29A tal-Kapitolu 101.

Ra l-Kapitolu 101 kif fuq imsemmi, l-artikolu 49 u 50 tal-Kapitlou 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u fil-waqt li jssib lill-akkuzat hati kif fuq premess tikkundannah tlett (3) xhur prigunerija u tilliberah mill-akkuzi l-ohra. Tordna li isem l-akkuzat ma jingieb fuq l-ebda sura ta’ medja u jordna lid-Direttur tal-Facilita’ Korrettiva ta’ Kordin li jiehu l-passi mehtiega biex tinghata kura medika lill-hati li tassew ghandu bzonnha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------